

C/2025/6296

1.12.2025

Appell ippreżentat fl-14 ta' Awwissu 2025 minn ABLV Bank AS, i fi stralċ, mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) fl-4 ta' Ġunju 2025 fil-Kawża T-100/23, ABLV Bank vs BĊE

(Kawża C-550/25 P)

(C/2025/6296)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: ABLV Bank AS, fi stralċ (rappreżtant: O. Behrends, Rechtsanwalt)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)

Talbiet

L-appellanti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tannulla s-sentenza appellata;
- tannulla, skont l-Artikolu 263 TFUE, id-Deċiżjoni LS/CL/2022/261 tal-BĊE, tat-8 ta' Diċembru 2022, li tiċħad it-talba tagħha għal aċċess għal dokumenti;
- tikkundanna lill-BĊE għall-ispejjeż sostnuti mill-appellanti u għall-ispejjeż ta' dan l-appell, u
- sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ma tkunx f'pożizzjoni li tiddeċiedi fuq il-mertu, tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali.

Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti tinvoka tnax-il aggravju.

L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta awtorizzat lill-BĊE jinterpreta mill-ġdid u jirrestrinġi unilateralment il-portata ta' talba għal aċċess għal dokumenti bi ksur tat-termini espliċiti tat-talba.

It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi (jew, jekk jitqies li hemm inkwistjoni evalwazzjoni fattwali, manifestament żnaturat il-fatti) meta kkonstatat li l-lista tad-dokumenti pprovduta mill-BĊE lill-appellanti kienet kompleta. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali manifestament żnaturat il-provi, ma indirizzatx il-motiv tal-appellanti u mmotivat b'mod insuffiċjenti ċ-ċaħda tagħha tar-rilevanza tal-Anness C.2 tar-replika.

It-tielet nett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi u pprovdiet motivazzjoni insuffiċjenti meta qieset li ċerti partijiet tat-talba għal aċċess għad-dokumenti tal-appellanti ma kinux suffiċjentement preċiżi fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni 2004/258/KE tal-BĊE tal-4 ta' Marzu 2004 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽¹⁾.

Ir-raba' nett, il-Qorti Ġenerali ma wegħbitx għall-motiv tal-appellanti li l-BĊE għandu d-dritt li jissospendi unilateralment talba għal aċċess għal dokumenti meta huwa jitlob kjarifiki mingħand applikant. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat li l-BĊE kien assista lill-appellanti fis-sens tal-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni 2004/258.

Il-ħames nett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta awtorizzat lill-BĊE jirreferi lill-appellanti għas-sit internet tal-Financial Crimes Enforcement Network (FinCEN), bi ksur tal-Artikolu 9(2) tad-Deċiżjoni 2004/258.

Is-sitt nett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat li l-BĊE ma kienx kiser l-obbligi ta' motivazzjoni tiegħu fir-rigward tar-rifjut tiegħu li jiżvela d-Dokumenti 3, 4 u 9.

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 5, p. 51.

Is-seba' nett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat li l-BĊE seta' jibbaża ruħu fuq l-Artikolu 27(1) tar-Regolament MSU ⁽²⁾ u fuq l-Artikolu 53(1) tad-Direttiva 2013/36 ⁽³⁾ fir-rigward tal-obbligi ta' kunfidenzjalità. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta tat lill-BĊE setgħa diskrezzjonali wiesgħa skont il-kriterju Baumeister ⁽⁴⁾.

It-tmien nett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat li d-Dokumenti 3, 4 u 9 huma kunfidenzjali skont il-kriterju Baumeister.

Id-disa' nett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat li l-BĊE, kuntrarjament għall-Artikolu 4(4) tad-Deċiżjoni 2004/258, ma kienx obligat li jikkonsulta terzi rigward il-kwistjoni dwar jekk huwa setax jiżvela d-Dokumenti 3, 4, 7, 8 u 9.

L-għaxar nett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat li l-BĊE ma kienx kiser l-obbligi ta' motivazzjoni tiegħu fir-rigward tar-rifjut tiegħu li jiżvela d-Dokumenti 5, 6, 7 u 8.

Il-ħdax-il nett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat li l-BĊE għustament ibbaża ruħu fuq l-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 2004/258 sabiex jiġġustifika r-rifjut tiegħu li jiżvela d-Dokumenti 5, 6, 7 u 8. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ma obligatx lill-BĊE jagħmel distinzjoni bejn dokumenti preparatorji relatati mal-proċessi deċiżjonali pendenti u dawk li ma kellhomx iktar effett fuq kwistjonijiet diretti jew attivi.

It-tnax-il nett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat li l-BĊE ma naqasx milli jagħti lill-appellanti aċċess għall-fajl u li għalhekk hija tinterpreta b'mod żbaljat l-Artikolu 41 u l-Artikolu 42 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 41(2)(b) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

⁽²⁾ Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU 2013, L 287, p. 63).

⁽³⁾ Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU 2013, L 176, p. 338, rettifikasi fil-ĠU 2013, L 208, p. 73, fil-ĠU 2017, L 20, p. 1 u fil-ĠU 2020, L 203, p. 95).

⁽⁴⁾ Sentenza tad-19 ta' Ġunju 2018, Baumeister (C-15/16, EU:C:2018:464).